**Cit. Nru.: 108/93TM**

MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 108/1993/1

**Joseph Mamo**

**Vs**

**Joseph Grech u Joseph Gasan bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'** ***Gasan Insurance Agency Limited*** **u dina bhala rapprezentanza tas-socjeta' assiguratrici estera** ***General Accident Fire & Life Insurance Corporation p.l.c*****. u b'nota tat-22 ta' Marzu, 1993, Dr Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta** ***Gasan Insurance Agency Limited*** **u dina bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikuratrici ester** ***General Accident Fire & Life Assurance Corporation Limited*****, qed jassumi l-atti tal-kawza minflok Joseph Grech u Joseph Gasan nomine**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata mill-attur fit-28 ta' Jannar, 1993, fejn ipremetta li huwa assigurat mas-socjeta'

konvenuta *bil-Motor Insurance Policy* numru 537367 liema polizza tkopri serq u hruq.

Ipremetta illi fis-7 ta’ April, 1991, il-vettura Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni B-3655, proprjeta’ ta’ l-attur, li hija assigurata taht il-polizza fuq imsemmija ghal-ammont ta’ elfejn u erba’ mitt lira Maltin (LM2400,00,0), giet misruqa minn Pjazza Garibaldi, f’Napli, l-Italja.

Ipremetta li l-attur sejjah is-socjeta’ konvenuta sabiex thallsu fl-ammont ta’ LM2400,00,0, rapprezentanti s-somma li l-vettura msejjha hija assigurata ghaliha, izda l-konvenuti nomine qeghdin jirrifjutaw li jhallsu lill-attur ghalkemm gew interpellati biex jaghmlu dan f’diversi okkazjonijiet.

Talbu ghalhekk il-konvenuti nomine ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ elfejn u erba’ mitt lira Maltin (LM2400,00,0) bhala valur tal-vettura Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni B-3655, proprjeta ta' l-attur, assigurata mal-konvenuti nomine ghall-valur imsemmi, taht il-*Motor Insurance Policy* numru 537367.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Dicembru, 1992, u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas – kollha kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Ra n-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn jeccepixxu:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita’ ta’ l-atti stante li Joseph Grech u Joseph Gasan mhumiex Diretturi tas-scojeta’ *General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc*. u lanqas ma ghandhom rapprezentanza guridika ta’ din l-istess socjeta’ kif jallega l-attur fic-citazzjoni tieghu;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni l-eccipjent jirrileva li l-attur ma gab l-ebda

prova li huwa kien sid il-vettura Fiat numru tar-registrazzjoni B-3655;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-sopraskritt l-attur ma gab ebda prova biex verament juri illi l-vettura Fiat numru tar-registrazzjonji B-3655 insterqet;

4. Illi fir-raba' lok u wkoll bla pregudizzju ghas-sopraskritt, l-eccipjent jirrileva illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument jirrizulta li l-vettura ta' marka Fiat numru tar-registrazzjoni B-3655 insterqet, l-istess eccipjent m'ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-attur xi somma ta' flus *a tenur* tal-polza billi fl-ewwel lok u dana kif gie spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-attur naqas milli jaghmel "*full disclosure*" meta mela l-"P*roposal Form*", kif kien obligat li jaghmel u wkoll naqas, milli jaghmel il-"*claim*" tieghu kif kien tenut li jaghmel;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjrazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet li resqu l-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, l-attur kellu karozza tal-marka Fiat Uno numru B-3655 li xtaq jitla' biha ghall-"*honeymoon*" fil-kontinent. Huwa hareg polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta' konvenuta biex ikopri ruhu f'kaz li l-karozza tinsteraq jew tiehu n-nar. Meta kien Napli fis-7 ta' April, 1992, il-karozza insterqet. L-attur ghamel talba ghall-kumpens lil-kumpanija assikuratrici konvenuta, izda din irrifjutat li thallas.

L-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita' tal-atti tidher li giet sorvolata bil-verbal u bid-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Mejju, 1993. F'kull kaz, is-socjeta' konvenuti kkontestat il-kawza fil-mertu, u ma jidhirx li baqghet tinsisti fuq dik l-eccezzjoni.

Fit-tieni eccezjoni taghha, is-socjeta' konvenuta eccepiet li l-attur ma ressaq ebda prova li huwa kien is-sid tal-vettura in kwistjoni. Din l-eccezzjoni tidher li giet ukoll sorvollata bil-verbal tad-difensur tas-socjeta' konvenuta tal-1 ta' Marzu, 1995, fejn iddikjara li huwa ma kienx qed jikkonstata l-fatt li l-karozza in kwistjoni kienet registrata fuq isem l-attur.

It-tielet u r-raba' eccezzjoni jirrikjedu prova tas-serqa u prova tal-fatt li l-attur ghamel "*full disclosure*" meta applika ghall-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni, u dan peress li s-socjeta' konvenuta qed tallega li l-attur naqas li jinforma lill-kumpanija assikuratrici b'certi dettalji li kienu jikkundizzjonaw il-hrug tal-polza.

Li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt "*uberminae fidei*" huwa principju accettat mill-awturi u l-gurisprudenza kollha in materja. Kuntratt t'assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Hekk, fil-kawza "Rozanes vs Bowen", 1928, il-Qorti Ingliza osservat "*It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith".* Fil-kawza "Greenhill vs Federal Insurance Co Ltd", 1927, rega' ntqal *"Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great*

*deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entired with an equal footing."* Dan il-principju gie emfasizzat fl-*EEC Council Directive* tal-1977, ghalkemm, f'dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar.

Dawn il-principji, kif inghad, huma anke accettati mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza "Camilleri noe vs Bartolo", deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Marzu, 1982, polza ta' assikurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikuratrici li kien ghamel *claims* ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali ghandu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt bhala "fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju." Fil-kawza "Degiorgio vs Agius", deciza minn din l-Onorabbli Qorti fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li "il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa *bona fede*, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-*proposal forms*; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke' jekk ma jkunx mistoqsi". Principju simili gie ribadit dan l-ahhar minn din l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza "Muscat vs Gasan Insurance Agency Limited" deciza fit-2 ta' Marzu, 1998.

Fid-dawl tal-premess, huwa, ghalhekk principju accettat mill-Qrati Maltin, li huwa dmir tal-assikurat li jikxef lill-assikuratur kull cirkustanzi relevanti ghall-kaz, u in partikolari, billi jwiegeb korrettament ghal kull domanda li jkun hemm registrata fil-polza. Inoltre, meta fil-polza jkun hemm klawsola maghrufa bhala "*Basis of Contract Clause"*, kif inhu fil kaz in ezami (ara l-klawsola apposita fil-"*Proposal Form"* a fol 39 tal-process) "*the effect of this language is to incorporate the insured's answers into the insurance policy although they are not set out in the*

*policy. An incorrect answer to anyone of these questions is fatal to the insured's claim. This is so whether he answered the questions in good faith to the best of his knowledge, or indeed, whether his response related ta a material fact or not"* – R A Hassan, "*The 'Basis of the Contract Clause' in Insurance Law*". Awturi ohra (per ezempju, John Birds, "*The Statement of Insurance Practice – A measure of regulation of the insurance contract"*) jaqblu ma dan il-principju, pero' jhossu li risposta rrata fuq domanda li mhiex intiza "*to disclose a meterial fac*t", m'ghandhiex tigi uzata biex tannulla l-kuntratt.

Ghall-fini ta' din id-decizjoni, jista' jinghad li hemm qbil li "*an insured's accident history will often be of greatest importance to an insurer"* u meta assikuratur jghid li hu kien ghamel *claim* wahda biss, waqt li, fil-fatt, ikun ghamel diversi, m'ghandux ikun hemm dubju li l-assikurat ikun naqas milli jikxef "*material facts*". F'dan il-kaz, l-assikuratur assikura l-karozza tieghu kontra "*fire and theft*" u naqas jindika li kienu nsterqulu tlett vetturi ohra qabel u li ghamel ukoll zewg *claims* ohra wara hruq ta' vetturi; biss biss, fl-ahhar tlett snin qabel il-hrug tal-polza kellu *claim* fuq hruq, u zewg *claims* fuq danni lill-vetturi li ma ddikjarax. Mhix haga normali li persuna ikollu dawn l-incidenti kollha, u kien obbliu tieghu li jinforma lill-kumpanija assikuratrici li kellu dan il-passat. Bhala fatt, kellu dan il-passat li, ghal assikuratur prudenti, kien jikkwalifikah bhala persuna *b' "a high risk"* u, kwindi, kien jimmeritah trattament specjali. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, r-risposta negattiva jew mhix kompleta li ta l-assikurat ghal domanda jekk kienx ghamel claims ohra fil-passat, meta kien jaf li kien ghamel, hija "*misrepresentation of a material fact*" li ghandha twassal ghall-invalidita' tal-kuntratt. (ara wkoll "Parnis vs Fava", deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2001). Ta' min josserva li, kif qalet il-Qorti Ingliza fil-kawza "Arterial Carowners Ltd vs Yorkshire Insurance Co" fl-1973 (per Chapman J), "*the primary obligation was one of disclosure on the part of the insured, not of enquiry on the insurer*". Huwa ovvju li l-agir tal-assikurat f'dan il-kaz jekwivali ghall-ingann u, *per* konsegwenza, induca lill-assikuratur fi

zball li, anke' taht principju tradizzjonali, jivvizzjaw il-kunsens, li jaghti lok ghall-annullament tal-kuntratt (ara "Zammit vs Formosa", deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 1994).

L-assikuratur, f'din il-kawza, allega li r-risposti ghad-domandi miktuba fil-polza, kien kitibhom l-agent tad-ditta konvenuta u avolja qallu li kienu insterqulu erba' karozzi, nizzel li ried. Jekk, pero', kif qal l-attur, hu iffirma l-polza minghajr ma qaghad jaqraha, din responsabbilita' tieghu. Zgur, pero', kellu jinduna jekk hu qallu li ghamel erba' *claims* u l-agent nizzel wahda, u dan ghax il-firma tieghu hi precisament taht dik l-informazzjoni , u ma messux qabad u ffirma l-polza. Kien dmir tieghu li, qabel ma jiffirma, jaqra sew dak li kien se jiffirma, u jekk m'ghamilx hekk, irid ibati l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu. Meta jkun hemm skrittura ffirmata minn parti, hu prezunt li hu accetta dak kollu li jkun regolat fl-iskrittura, u jridu jirrizultaw provi cari u konkludenti biex jigi skartat dak li kien hemm miktub. L-attur kien ben konxju ta' dak li kien qed jaghmel u, fil-fehma tal-Qorti m'ghandux ikun hemm dubju li l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni hija vizzjata b'mod li tintola lill-kontraenti assikuratrici li tannulla l-istess kuntratt.

Din il-Qorti tosserva wkoll illi skond il-gurisprudenza lokali, l-agent jitqies bhala l-mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici (ara "Zammit vs Micallef", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar, 1952 (Kollez Vol XXXVI.III.610) u "Vassallo vs Azzopardi", deciza minn din il-Qorti fil-21 t'April, 1999). Kwindi, jekk naqas l-agent jew jekk dan wera xi negligenza f'xogholu, l-konsegwenzi jrid ibatihom l-assikurat – salv kull rimedju li dan jista' jkollu kontra l-mandatarju tieghu taht il-Ligi. Hija inutili, allura, li, f'din il-kawza, l-attur jipprova jitfa' l-htija ta' dak li gara fuq l-agent, ghax fil-konfront tat-terzi, l-agir tal-mandatarju jorbot lill-principal tieghu. Jekk il-mandatarju ma esegwix sew il-mandat moghti lilu mill-attur (ghalkemm dan ma jirrizultax pruvat, ghax l-agent xehed li hu nizzel, bhala numru ta' *claims*, ezatt kemm qallu l-attur) jista' jkun passibili ghad-danni, izda jibqa' l-fatt li l-attur naqas minn obbligu principali tieghu meta ma stqarrx li

kellu gia' *claims* ohra u, kwindi d-ditta assikuratrici hija korretta fis-sottomissjonijiet taghha li ma tezisti ebda rabta kontrattwali valida bejnha u l-attur.

Apparti dawn il-kunsiderazzjonijiet, hemm dubbju ukoll dwar il-fatt tas-serqa. Apparti l-fatt li rrapport li l-attur jghid li ghamel lill-Pulizija taljana, mhix wahedha, prova tas-serqa, dan ir-rapport, li hu dokument ufficjali bil-firma tal-attur, jindika li s-serqa sehhet f'April tal-1991, waqt li l-attur jixhed li s-serqa saret f'April tas-sena ta' wara 1992! Anke x-xhieda tax-xhud Lawrence Zammit, li suppost vjagga mal-attur u martu l-Italja ma tantx tghin fil-materja, ghax, per ezempju, fil-waqt li l-attur u martu jghidu li wara s-serqa, qaghdu jduru bit-*taxis*, dan ix-xhud qal, li wara s-serqa qabdu t-*train* u nizlu lura.

L-attur ukoll ghandu storja twila ta' reati u kontravenzjonijiet li jirrelataw ma' karozzi. Din tohrog mill-*fedina penali* ta' l-attur (li din il-Qorti tqies rilevanti ghall-kaz u, kwindi, ma tilqax it-talba tal-istess attur ghall-isfilz tal-*fedina penali* li kienet giet esebita mis-Surgent tal-Pulizija, Jason Agius), u certi incidenti li kien involut fihom kienu jkunu zgur importanti ghall-kull socjeta' assikuratrici. Kien obbligu tal-attur li "*he comes clean*" mas-socjeta' assikuratrici u, jekk kien hemm bzonn, javvicina direttament lill-kumpanija assikuratrici u jiddiskuti maghha s-sitwazzjoni tieghu. Li jaqbad u jitfa' "*one claim*" (minghajr ma jaghti dettalji taghha, kif miktub), u jahbi l-bqija tal-passat kollu tieghu, hu agir in *mala fede*. L-attur kien imwissi li hu ghandu jinforma lis-socjeta' assikuratrici kull fatt rilevanti ghall-hrug tal-polza, u l-istorja tieghu kienet zgur tinfluenza, jekk mhux il-hrug tal-polza *per se*, il-*premium* li kien ikun jigi mitlub ihallas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi fil-waqt li tilqa' ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet tal-attur kif dedotti bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur.

IMHALLEF

D/REG

**Cit. Nru.: 108/93TM**